**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Charlene Gatt, detentriċi tal-karta ta' l-Identità numru 254785(M).**

***Kawża Nru. 5567/2022***

Illum, 4 t'Ottubru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Charlene Gatt** u ċioe talli:

1. Nhar is-07 ta' Settembru 2022 u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gzejjer Maltin naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. fid-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2018 li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gzejjer Maltin naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022 li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gzejjer Maltin naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Noel Bartolo LL.D. fid-digriet tiegħu tat-22 ta' April 2022 li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gzejjer Maltin naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fid-digriet tagħha tat-08 ta' Ġunju 2022 li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkustanzi waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., ikkommettiet reat li għalih hemm piena ta' priġunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ikkommettiet reat waqt il-perjodu ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022 Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D. u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkonsidra lil Charlene Gatt bħala reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tirrevoka contrario imperio id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mil ġdid tal-imsemmija Charlene Gatt, kif ukoll tordna li s-somma ta' €500 bħala depożitu u €5,000 bħala garanzija personali li ġew imposti fuqha sabiex jagħmlu tajjeb għal benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Ksur ta' Digrieti dwar Bail. Imputazzjonijiet 1 sa 4

Illi l-imputata qed tiġi addebitata b'diversi imputazzjonijiet ta' ksur ta' kundizzjonijiet li bihom ingħatat il-ħelsien mill-arrest quddiem Qrati diversi, kif ukoll li wettqet reati fit-terminu operattiv ta' sentenza sospiża w li kisret ordni ta' libertà kondizzjonata.

In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet ittella jixhed id-Direttur Qrati Kriminali **Franklin Calleja** li filwaqt li esibixxa kopji tal-kundizzjonijiet mill-ħelsien mill-arrest, liema kawżi għadhom pendenti. Esibixxa wkoll sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati, b'din tal-aħħar ma tkunx res judicata kif intqal peress li deċiżjoni fl-appell fuqha ngħatat fl-20 ta' Settembru, 2022.[1]

L-**Ispettur Colin Sheldon** beda biex iddeskriva kif Gatt spiċċat *wanted* wara li naqset milli taderixxi mal-obbligi impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati: *"lil-Charlene Gatt li qieghda hawnhekk fl-ewwel bank jien iltqajt maghha fuq arraignment ieħor li kien sar iktar kmieni din is-sena għal-liema inghatat il-ħelsien mill-arrest fit-8 ta' Ġunju 2022 mill-Maġistrat Gabriella Vella. Hi kellha l-kundizzjonijiet fosthom li taghmilx reat ieħor u izjed u fosthom kellha li tiffirma l-Għassa ta' Haz Żebbuġ. Jien wara li kienet inghatat dan il-ħelsien kont infurmajt l-ghassa ta' Haz Żebbuġ biex jiftuhla l-bail book u ghaddejt id-dokumenti kollha necessarji biex ikunu infurmati. Ghal xi ragunijiet <u>Charlene ma bdietx tiffirma mill-ewwel gurnata</u>. <u>Kien lahaq ghaddha xahar u baqghet u ma setghetx tigi rintraccata</u>. Jien infatti baghat email lis-sistema tan-NOC taghna tal-pulziija liema email gie pprezentat mill-kollega tieghi u hemm id-dettalji fuq wara fit-tieni pagna fuq Charlene Gatt fejn huma dakinhar stess ghaddewa fuq is-sistema tal-pulizija. Naf li kien hemm Spetturi ohrajn li kienu qieghdin iffitxhua jien u Clayton konna qed nfittxuha partikolarment fuq dan l-ahhar bail…..Tal-Maġistrat Gabriella Vella li nghata nhar it-8 ta' Ġunju 2022."*[2]

Fil-fatt l-imputata minbarra l-obbligu li ma tikkommettix reat ieħor matul iż-żmien li kienet fuq *bail* kellha obbligi li tiffirma fl-Għassa tad-Distrett ta' Raħal il-Ġdid (dak mogħti mill-Maġistrat Dr. Marseanne Farrugia) u ta' Ħaż-Żebbuġ hekk kif ordnata b'diversi digrieti li ser isir riferenza għalihom kif ġej:

(i). Mill-Onor. Maġistrat Dr. Marseanne Farrugia fid-29 ta' Novembru, 2018 li bih ġiet ordnata tiffirma l-Għassa kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa;[3]

---

[1] Xiehda 14 ta' Settembru, 2022
[2] Fol.15
[3] **Dok.FC1** a fol.39

(ii) Mill-Onor Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fil-25 ta' Frar, 2022 li bih ġiet ordnata tiffirma l-Għassa fis-26 u fis-27 ta' Frar, 2022;[4]
(iii) Mill-Onor Maġistrat Dr. Noel Bartolo fit-22 t'April, 2022, fejn ġiet ordnata tiffirma l-Għassa kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis,[5] u
(iv) Mill-Onor Maġistrat Dr. Gabriella Vella fit-8 ta' Ġunju, 2022, fejn ġiet ordnata tiffirma l-Għassa kuljum.[6]

Mix-xiehda tat-**Tabib Godfrey Farrugia** irriżulta li l-imputata kienet ittieħdet għandu mill-pulizija: *"kellha congitvites li kienet tidher bacterial kellha ghajnejja minfuhin hafna tant li wahda kienet maghluqa u mahmuga u l-habba t'ghajnejja kienet bajda opakka u jiena kont ktibitlha xi antibiotcs bħala qtar u ghamiltilha certifikat, u kont ktibt anki lil Dr. Moses li naf li jiehu hsibha mill-parti l-ohra fejn qedtlu dwar il-kundizzjoni t'ghajnejja biex hu ikun jaf billi kellu izjed access minni fuqha….. fil-1.07.2022 kont ktibt hekk <u>bilateral congivites with swelling and unable to open her eyes properly, needs clensing and antibiotics advise rest for at least 5 days</u> dan huwa dated 1.7.2022"*[7]. Dr. Farrugia ikompli jispjega li għalkemm għall-bidu pazjent b'kundizzjoni simili jkun diżorjentat, ma jfissirx li ma jkunx jista' toħroġ mid-dar anke jekk ikun jinħtieġ għajnuna.

Fil-każ odjern l-imputata **ma ressqet l-ebda prova li hi sfat *home bound* jew li kellha bżonn xi għajnuna biex toħroġ mid-dar u taderixxi mal-obbligi fuqha impost b'diversi digrieti biex tmur tiffirma**. Fil-fatt ma sabet l-ebda diffikultà tikkomunika ma Dr. Farrugia, *"Dawn l-ahhar xhur gieli anki ikkomunikat mieghi b'SMS dwar ghajneja."*[8]

Konsegwentement Gatt setgħet tikkomunika wkoll mal-Għassa ta' Raħal il-Ġdid u ma dik ta' Ħaż-Żebbuġ, iżda dehrilha li ordni ta' Qorti hu biċċa karta li ma jistħoqqlu l-ebda rispett! Il-verità hi li l-imputata ma iddejqet xejn tonqos mill-obbligi tagħha, obbligi li Qrati diversi imponew biex wara kollox hi setgħet tibbenefika mill-ħelsien mill-arrest.

Iżda l-akbar prova dwar kemm konsapevolment għażlet li tiġi taqa' w tqum mill-kondizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest li kienet obbligata ssegwi b'xejn inqas minn tlett digrieti differenti, hu l-fatt li kif xehed Dr. Moses Camilleri, tul iż-żmien li ma kienitx qed tiffirma baqgħet tmur regolari d-Detox Centre. Konsegwentement **kif marret id-Detox setgħet tmur tiffirma l-għassa!**

[4] **Dok.FC2** a fol.40
[5] **Dok.FC3** a fol.41
[6] **Dok.FC4** a fol.42
[7] Fol.78-79
[8] Fol.79

Fil-fatt mix-xiehda ta' **Dr. Moses Camilleri** jirrizulta li Charlene marret tarah fit-30 ta' Ġunju, 2022 ġewwa d-Detox Centre u baqgħet tmur regolarment meta ma kienitx rikoverata Mater Dei. Dr. Camilleri jixhed li *"Meta bdejtielha fit-30 ta' Ġunju imbaghad ġiet l-ghada fl-1 ta' Lulju imbaghad daqshekk ma regghetx ġiet aktar u ġiet fl-ewwel t'Awwissu. …. Mela f'Awwissu ġiet fl-1,2,3,4,5 fis-6 ma gietx 7 u 8 ġiet fid-9 t'Awwissu ma gietx fl-10 ġiet, fil-11 ma gietx, 12,13,14 ġiet fil-15 f'Santa Marija ma gietx lanqas fis-16, 17 u 18 ġiet, 19 ma gietx 20 ġiet 21,22 ma gietx, 23 ġiet, 24, 25 ma gietx u l-ahhar li ġiet kien fis-26 t'Awwissu. ….kompliet tigi f'Awwissu mela l-ahhar li ġiet f'Awwissu kien fit-30 t'Awwissu mbaghad hemm ġiet erbgha darbiet f'Settembru fit-2,4,7 u 8 ta' Settembru."*[9]

Din hi prova li Gatt ma kellhiex xkiel tmur id-Detox Centre. Daqstant ieħor setgħet tmur l-għassa biex tonora l-obbligi fuqha imposti bi tlett digrieti differenti. Fil-fatt fuq mistoqsija tal-Qorti[10] it-**Tabib Isaac Bertello** kkonferma li pazjenta b'din il-kundizzjoni – li ġiet minn infezzjoni mill-*contact lenses*, liema infezzjoni ġiet traskurata mill-imputata – **tħallik kapaċi *"to walk about"* u ma tkunx *bed-ridden*.**[11]

Kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali,[12] Gatt kienet ġa nstabet ħatja talli naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha b'digriet ta' ħelsien mill-arrest, u konsegwentement l-imputata ma tistax tingħad li ma kienitx konxja tal-konsegwenzi għal tali ksur.

Ġie pruvat ukoll li bejn it-3 u d-29 ta' Lulju, 2022 l-imputata kienet rikoverata l-isptar Mater Dei minħabba l-kundizzjoni tal-infezzjoni f' għajnejha.[13] Għalkemm xorta waħda din kienet tenuta tinforma l-għasses rispettivi li ma kienitx ser tmur tiffirma, biex ma jingħadx ukoll li strettament kellha tippreżenta ċertifikat mediku, il-Qorti hi lesta tagħti l-benefiċċju tad-dubbju lill-imputata w tiskużaha għal dan in-nuqqas li kienet rikoverata, iżda definittivament mhux għal kumplament tal-perjodu intjier fejn naqset b'mod mill-aktar sfaċċat milli tħares l-obbligi fuqha imposta u dan meta xorta kienet qed tattendi id-detox centre.

Jirrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Camilleri l-imputata nstabet wara li nqala dizgwid fuq gabbana tal-imqaret, prova li wara li ħarġet mill-isptar kompliet għaddejja b'ħajjitha b'menefregizmu totali għad-digrieti dwar ħelsien mill-arrest li kien hemm in vigore. Camilleri jispjega : *"…lbierah fis-7 ta'*

[9] Fol.81-82
[10] Erronjament tidher li tniżżlet mit-*transcriber* bħala domanda tad-difiża meta fil-fatt saret mill-Qorti
[11] Fol.32
[12] **Dok.FC5** a fol.43 et seq
[13] **Dok.IB** a fol.34-36

*Settembru 2022 Charlene Gatt dahlet l-ghassa ma diversi nies ghax inqala xi dizgwit fuq xi gabbbana tal-imqaret li din il-gabbana tal-imqaret ġiet nieqsa u apparentament inbiddlu f'hafna idejn. Igiferi din tbieghet lil diversi nies u nizzluha biex tivverifika liema wahda minn dawn in-nies li tibegh din il-gabbana jew tpartet bl-idejn kienet hi Charlene Gatt. Ovvjament x'hin rajtha hemm tkellimt mas-Surgent, fridt lil kulhadd u ovvjament arrestajtha. Appparti hekk kienet wanted ukoll."*[14]

Dwar id-digriet dwar ħelsien mill-arrest data id-29 ta' Novembru, 2018 jiġi sottolinejat li dan ingħata mhux mill-Maġistrat Caroline Farrugia Frendo iżda mill-Maġistrat Marseanne Farrugia li tagħha tidher il-firma fuq l-imsemmi digriet. Tenut kont li ma hemm ebda ekwivoku fuq **id-data** din l-imputazzjoni ma tiskontra l-ebda nullita`. Id-digriet in kwistjoni ngħata mill-istess Qorti u cioe mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema qorti tibqa wahda, għalkemm diversament preseduta.

Mill-*bail book* relattiv għal tali proċediment, jirrizulta li l-imputata ma ffirmatx f'numru ta' okkażjonijiet bl-aħħar darba li ffirmat tkun fit-23 ta' Ġunju, 2022.[15] Għaldaqstant in vista li naqset mill-obbligi tagħha li tiffirma l-Għassa ta' Raħal il-Ġdid tlett darbiet fil-ġimgħa u cioe' it-Tnejn, l-Erbgħa w il-Ġimgħa, Gatt qed tinstab ħatja li kisret il-kundizzjonijiet f'dan id-digriet.

Fir-rigward tad-digriet mogħti mill-Maġistrat Stafrace Zammit, l-imputata iffirmat l-aħħar fit-23 ta' Ġunju, 2022 iżda tenut kont li d-digriet isemmi biss l-obbligu li din tiffirma f'żewġ ġranet u meta mill-*bail book* jirrizulta li ffrimat fis-27 ta' Frar, 2022, ċertament ma tistax tinstab ħtija fuq it-tieni imputazzjoni.[16]

Mill-*bail book* **Dok.BB** li l-Ispettur Clayton Camilleri ppreżenta**,** jirrizulta li l-imputata **qatt ma ffirmat l-Għassa wara id-digriet tal-Maġistrat Noel Bartolo minkejja li dan ingħata fit-22 t'April, 2022**. M'hemmx dubbju li t-tielet imputazzjoni ġiet pruvata.

Dwar ir-raba imputazzjoni li tirrigwarda l-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella, il-*bail book* ppreżentat mill-Ispettur Camilleri, **Dok.BB1**, juri li din ffirmat l-aħħar fit-23 ta' Ġunju, 2022.[17] M'hemmx dubbju li anke din l-imputazzjoni ġiet soddisfacentement ippruvata.

---

[14] Fol.10-11
[15] **Dok.BB2** a fol.17
[16] **Dok.BB3** a fol.17
[17] **Dok.BB1** a fol.12

Ħames Imputazzjoni: Ksur Sentenza Sospiża

Ġiet preżentata sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2021 li permezz tagħha l-imputata nstabet ħatja w ġiet kundannata għal **sitt xhur priġunerija** sospiżi għal sentejn. Tenut kont li l-imputata qed tinstab ħatja tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba imputazzjoni, isegwi li din wettqet reati fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża.

Sitt Imputazzjoni: Ksur ordni Libertà Kondizzjonata

Sentenza oħra mogħtija nhar il-24 ta' Frar, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), turi kif l-imputata ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi **żmien sena** kif ukoll ġiet kundannata għal multa ta' €900.

Din is-sentenza saret *res judicata* propju fil-mori ta' dawn il-proċeduri u speċifikament nhar l-20 ta' Settembru, 2022 b'liema sentenza ġiet revokata l-multa imposta w ikkonfermata l-liberazzjoni kondizzjonata.[18]

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi, ma tistax tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

L-addebitu tar-Reċidiva

Tenut kont li is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2021 għada ma ġietx skontata, din is-sentenza ma tistax tissodisfa l-vot tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49 jew 50 kif addebitati lill-imputata. Lanqas ma jsibu applikazzjoni dawn l-artikoli fir-rigward tas-sentenza tal-24 ta' Frar, 2022 hekk kif issa modifikata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2022 peress li dik is-sentenza għaddiet in ġudikat propju ftit jiem ilu.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset li l-imputata kienet ilha milli tiffirma mit-23 ta' Ġunju, 2022 fuq żewġ proċedimenti,[19] kif ikoll qatt ma iffirmat minn April, 2022 fuq proċediment ieħor.[20]

Għalkemm kif intqal qabel baqa' fuq l-imputata l-obbligu li tinforma l-Għasses rispettivi li kienet rikoverata Mater Dei bejn it-3 u d-29 ta' Lulju, 2022, in-nuqqas

[18] QAK, Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, Appell Numru 99/2022
[19] **Dok.BB1** a fol. 12 u **Dok. BB2** a fol.17
[20] **Dok. BB** a fol.12

tagħha tul dawn il-ġranet mhix qed jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti hi u tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet kif addebitati.

Madanakollu ma hemm l-ebda attenwant għan-nuqqas lampanti tagħha li taderixxi mal-obbligazzjonijiet fuqha imposti tul iż-żmien qabel u wara li kienet rikoverata Mater Dei. Biss biss bdiet mill-ewwel ma tiffirmax minn April, tlett xhur qabel ma kienet l-isptar! Tul dawn il-perjodi ma rriżulta assolutament xejn li impediha milli żżomm ferm mal-obbligi fuqha imposti u dan tenut kont tal-fatt li kienet konxja tal-garanziji konsiderevoli li kienu qed jagħmlu tajjeb biex iżżomm mal-kondizzjonijiet fuqha imposta. Ma dan jiżdied il-fatt li fil-passat instabet **ħatja diġà li kisret kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest** tant li permezz ta' din is-sentenza, il-piena hemm mogħtija li kienet ġiet sospiża għal żmien sentejn ser tiddaħħal fis-seħħ.[21]

Ġiet kunsidrata il-fedina kulurita tal-imputata fejn jidher li ma tgħallmet xejn minn żbalji tal-passat kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom li fil-każ in deżamina jsib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni w mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 u 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issibha ħatja tal-kumplament u tikkundannaha **tmien (8) xhur priġunerija.**[22]

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Frar, 2021 ta' **sitt xhur priġunerija** sospiża għal sentejn, tiġi fis-seħħ stante illi r-reati li dwarhom qed tinstab ħatja l-imputata ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

B'hekk b'kollox l-imputata għandha tiskonta l-perjodu ta' **erbatax (14) il-xahar priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali qed tordna li jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta s-segwenti ammonti:

---

[21] **Doc.FC5** a fol.43 et seq
[22] Hi reċidiva in kwantu għall-fatt li ingħatat multa b'sentenza tal-24 ta' Frar, 2022 liema multa tirriżulta mħallsa.

(i) l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) garanzija biex iżżomm mal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest mogħti fid-29 ta' Novembru, 2018;

(ii) l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) garanzija biex iżżomm mal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest mogħti fit-22 t'April, 2022, u

(iii) l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) garanzija biex iżomm mal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest mogħti b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2022.

Finalment ai termini tal-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tagħha kif mogħti bis-segwenti digrieti:

(i). Mill-Onor. Maġistrat Dr. Marseanne Farrugia fid-29 ta' Novembru, 2018;[23]

(ii) Mill-Onor Maġistrat Dr. Noel Bartolo fit-22 t'April, 2022,[24] u

(iii) Mill-Onor Maġistrat Dr. Gabriella Vella fit-8 ta' Ġunju, 2022.[25]

**Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Direttur, Qrati Kriminali

---

23 **Dok.FC1** a fol. 39
24 **Dok.FC3** a fol.41
25 **Dok.FC4** a fol.42